DATA/DATI TAL-AWDIZZJONI ................................... ĦINIJIET ................. POST: ...............................................

ISEM TAL-PRODUZZJONI ....................................... DATA/DATI ..........................................

DIRETTUR/REĠISTA: .................................

*Notamenti*

## ĊAMA ĊAMA

*ĊAMA – (M)*

## NINU

**X'NISTA' NISTENNA, LI JSIR MIRAKLU?**

It-tobba! Għamlu sitt xhur bit-tobba – kważi sena – jittamawni. Sakemm sa fl-aħħar ġegħelthom jammettu. Safejn jafu huma m'hemm xejn ħażin - fiżikament, irrid ngħid - assolutament xejn ħażin. Biss ma nistax nara aktar. Ħlief il-mant iswed.

*LUCIO: Kif? Allura, hemm ċans li tista'?...*

/ Ċans! Iva, forsi hemm ċans... min jaf meta imma. Jekk m'hemm l-ebda raġuni għala ma nistax nara, jekk għajnejja tajbin daqs tiegħek u daqs tagħkom ilkoll f'daqqa, x'nista' nistenna, li jsir miraklu? Li jitfejjaq dak li mhux marid? Lanqas fil-Vanġelu ma ssib miraklu bħal dak, Lucio... lanqas fil-Vanġelu! U taf x'inhu l-agħar... taf x'inhu? Li ma ridux jemmnuni... ma ridux jemmnu li m'iniex nara!

*LUCIO: Min?*

/ Fuq ix-xogħol!... Ħasbu qed nagħmel hekk għall-inxurans. Biex nisloħlhom xi somma – biex nieħu kumpens ta' mard ikkaġunat mix-xogħol – biex nirtira kmieni mix-xogħol u nieħu l-early retirement! Taf kemm-il speċjalistà bagħtuli – kemm irjus tal-inxurans ġew jinterrogawni, taparsi biex nimla din u dik il-formola imma attenti biss biex jippruvaw jaqbduni li qed nipprova nqarraq bihom?...

Imma jien xorta fottejthom. Fuck them! Sa lanqas sold ħadtilhom – sa lanqas ċenteżmu li stajt nisloħilhom slaħtulhom, ja bgħula li huma! Ja qatta' sangisugi bla ħniena – jien fottejthom!... *(<192)*

Xogħol għadu qed jitlesta.

QR?

PDF

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| **ĦIN** | MASSIMU ........... | MINIMU ............. | | |
| **PROPS** | ................................................................ | | | |
| **VIS Á VIS** | LE ☐ | IVA ☐ | = | ........................................ |
| **SILTA** | DRAMMATIKA, KOMIKA, KANTATA, ŻFIN. | | | |